# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 23 ta' April 2017

It-II Ħadd tal-Għid – Il-Ħadd tal-Ħniena Divina

Sena A

**Introduzzjoni**

F'dan it-Tieni Ħadd tal-Għid, filwaqt li ser inkomplu nifirħu bil-qawmien mill-mewt tal-Mulej, il-liturġija tistedinna sabiex nikkontemplaw il-ħniena bla tarf ta' Alla tagħna. Din il-ħniena bla tarf ta' Alla fdietna u tatna ħajja ġdida.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 2, 42-47)

L-ewwel insara kienu jemmnu tassew u kienu jgħixu f'għaqda sħiħa bejniethom.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 117 (118), 2-4.13-15.22-24)

Faħħru lill-Mulej, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu

**It-Tieni Qari** (1 Piet 1, 3-9)

Permezz tal-qawmien mill-imwiet, Kristu tana twelid ġdid u tama sħiħa fil-Ħajja ta' Dejjem.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 20, 19-31)

Meta Ġesù mar fost l-appostli wara li kien qam mill-mewt, San Tumas stqarr li Ġesù hu tassew il-Mulej Alla tagħna.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Quddiem dan il-misteru hekk kbir tal-Għid, in-nisrani għandu jesprimi l-ferħ u jrodd ħajr lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Jeħtieġ li aħna ma nkunux bnedmin bla fidi iżda għandna nemmnu bis-sħiħ li Ġesù tassew ingħata għalina biex jeħlisna mid-dnub.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.